Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 575/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Carmelo Borda**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmelo Borda ta' 37 sena iben Francis u Maria Assunta nee' Sultana mwieled Attard fis-16 ta' Settembru 1969 u residenti 'Flamina' Triq Birguma Naxxar, ID 394469M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 2004 b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi**


Qrati tal-Gustizzja

**grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM1100 ghad-dannu ta’ Joseph Simiana mill-Imsida.**

**Ukoll talli b’hekk sar ricediv ai terminu ta’ l-Artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 22 ta’ Frar 2000, 21 ta’ Gunju 2001, 14 ta’ Jannar 2003, 4 ta’ Frar 2003, 6 ta’ Novembru 2003 u 22 ta’ Jannar 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.**

**Semghet lill-allegat vittma jixhed bil-gurament li kien nghata l-flus kollha lura.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikli 309, 309, 310(1)(a), 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet izda stante l-ammissjoni bikrija kif wkoll li l-vittma thallset mill-imputat, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjega l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Tordna li din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------